# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Frar, 2024.**

**Numru 8**

**Rikors numru 495/15/1 LM**

**Dax Fernandes**

**v.**

**Thomas Barr**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-attur u appell inċidentali mill-konvenut minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet premessi mogħtija fit-28 ta' Ottubru 2019 li akkordat danni lill-attur minħabba debilità permanenti konsistenti fit-telf ta' vista minn għajn waħda wara li l-konvenut tefa' tazza aċtu fid-direzzjoni tal-attur u laqtu f'għajnu.

2. Id-doljanza tal-attur tikkonsisti f'erba' aggravji u ċjoè li l-Ewwel Qorti kellha:

(i) tikkumpensah għad-*damnum emergens* allavolja ma ressaqx riċevuti tal-mediċini u tal-ispiża ta' vista fi Sptar fl-Ingilterra.

(ii) torbot il-kalkolu tal-*lucrum cessans* mas-snin 2015 u 2016 u mhux mas-sena 2013 meta seħħ l-inċident.

(iii) tuża' multiplikand sal-età tal-irtirar u mhux ta' 20 sena biss.

(iv) taħdem ir-rata ta' inflazzjoni medja fuq il-medda tas-snin tal-multiplikand u mhux fuq ħames snin biss.

3. Il-konvenut barra li laqa' għall-aggravji tal-attur ippreżenta appell inċidentali li permezz tiegħu ilmenta li l-Ewwel Qorti:

(i) żbaljat meta ddeċidiet li ma kienx provokat mill-attur.

(ii) billi kien ipprovokat, hija kellha teżentah mir-responsabbilità għall-akkadut jew almenu ssibu responsabbli biss *in parte*.

(iii) kellha takkorda persentaġġ ta' diżabilità ta' 16% u mhux ta' 25%.

4. **L-ewwel aggravju tal-attur** hu li l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta skartat għal kollox it-talba tal-attur appellant biex tikkalkula l-ammont ta' €27,419 f'*damnum emergens*. Isostni li tassew li m'esebixxa l-ebda riċevuta, imma l-Qorti għarfet li kellu bżonn it-trattament fuq bażi regolari u għalhekk messha ddeċidiet *arbitrio boni viri.*

5. F'dan ir-rigward l-Ewwel Qorti rraġunat hekk:

> "Il-Qorti tirrileva li minkejja li l-attur ressaq prospett pjuttost dettaljat tad- danni allegatament sofferti minnu, dan għamlu mingħajr ma ppreżenta irċevuti jew xi prova oġġettiva oħra tad-danni li huwa jgħid li sofra konsegwenza ta' dan l-inċident. L-attur jgħid li għal tul ta' żmien hu għamel użu regolari mill-mediċina bl-isem 'Azopt' u 'Xalatan', u minkejja li fil-prospett tad-danni ppreżentat minnu jgħid li qiegħed jippreżenta irċevuti riċenti għax- xiri ta' dawn il-mediċini bħala prova ta' kemm jiswew, huwa naqas milli jagħmel dan. Jgħid biss li l-ispiża għax-xiri ta' dawn il-mediċini fuq medda ta' għaxar xhur kienet tlaħħaq l-elf, mitejn u disgħa u disgħin Euro (€1,299). L- attur qal ukoll li hu kull sagħtejn irid japplika lubrikant bl-isem ta' 'Hylogel', u juża madwar sitt stoċċijiet minn dan il-ġel fix-xahar. Għal darb'oħra l-attur fil-prospett tiegħu qal li qiegħed jippreżenta kopji ta' irċevuti għax-xiri ta' dan il- prodott mingħajr ma esebixxa dawn l-irċevuti, u qal ukoll li fuq medda ta' tletin xahar hu nefaq madwar elfejn, sitt mija u tnejn u tmenin Euro (€2,682) għax-xiri ta' dan il-ġel, u qiegħed jistma li l-ispiża għax-xiri ta' dan il-ġel fuq perijodu ta' għoxrin sena ser titla' għal tnejn u għoxrin elf, sitt mija u tmien Euro (€22,608). L-attur qal ukoll li meta mar fi klinika oftalmoloġika f'Londra huwa nefaq tmien mija u tletin Euro (€830), u għal darb'oħra qal li qiegħed jesebixxi l-irċevuta maħruġa lilu mill-klinika inkwistjoni bħala prova ta' dan, imma l-irċevuta rilevanti mhijiex inkluża fil-proċess.
>
> Il-Qorti tirrileva illi l-aqwa prova li tista' tinġib mill-attur f'dan ir-rigward hija kopja awtentikata tal-irċevuti tal-ispejjeż li seta' għamel b'rabta mal-inċident mertu tal-kawża. F'dan il-każ tali prova hi nieqsa għalkollox, minkejja li l-attur kellu żmien biżżejjed li kieku ried biex jippreżenta imqar irċevuta waħda li tindika kemm hija l-ispiża li huwa jagħmel fuq perijodu ta' xahar, b'rabta mat- trattament kontinwu li kellu bżonn jieħu wara l-inċident. Il-Qorti m'għandha l- ebda raġuni għalfejn tiddubita li l-attur jeħtieġlu jieħu t-trattament fuq bażi regolari, iżda fin-nuqqas ta' prova oġġettiva li dawn il-mediċini qegħdin jinxtraw minnu, u quddiem in-nuqqas ta' prova dwar il-prezz ta' dawn il- mediċini, il-

> Qorti ma tistax tillikwida d-danni pretiżi mill-attur, anki għax jista' jagħti l-każ li l-attur jikkwalifika biex jingħata dawn il-mediċini b'xejn mid-Dipartiment tas-Saħħa. Il-Qorti kif ikollha tagħmel f'kawżi ta' dix-xorta kull fejn il-proċess ikun sprovvist minn prova oġġettiva tad-danni emerġenti, sejra tiċħad it-talba tal-attur għal-likwidazzjoni ta' danni materjali li sofra konsegwenza tal-inċident inkwistjoni."

6. Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li l-appellant messu ġab l-aħjar prova. F'dan ir-rigward, il-Qorti m'għandha l-ebda diskrezzjoni: Il-leġislatur jagħmar li "**Il-Qorti <u>għandha</u> fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib**" (Art. 559 tal-Kap 12); u, b'mod kważi pedantiku, biex żgur ma jħalli l-ebda dubju, jkompli jordna li "**Il-Qorti għandha tiċħad li tinġieb kull prova li… jidhrilha li mhix l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib**" (Art 560(1) Kap 12). Dawn il-Qrati applikaw ir-regola *ex aequo et bono* - kif l-attur appellant jippretendi li kellha tagħmel l-Ewwel Qorti - biss fejn il-provi fir-rigward tal-ammont tad-danni mhumiex tant linejari jew ben stabbiliti jew f'każ ta' nuqqas ta' disponibbilità ta' mezzi probatorji.[1] Fi kliem ieħor meta l-aħjar prova disponibbli ma kinitx biżżejjed biex ikun hemm prova sħiħa tad-danni mġarrba. Mhux meta kien hemm disponibbli l-aħjar prova u l-attur għażel li ma jressaqhiex. Għalhekk, ġie deċiż, f'każ ieħor fejn inċidentalment ukoll ma ġewx prodotti l-irċevuti tal-mediċini li:

> "Il-Qorti m'hijiex sodisfatta tal-ispejjez ulterjuri li saru u tistqarr li l-attur kellu kull opportunita' li matul dawn is-snin kollha li damu jkaxkru dawn il-proceduri, iressaq provi sodisfacenti tal-ispejjez medici li jallega li ghamel matul is-snin. Ghalhekk il-Qorti m'hijiex tal-fehma li f'dan ir-rigward hemm il-htiega li tillikwida xi somma addizzjonali *ex aequo et bono*.[2]"

---

[1] Edgar Laferla v. Antonio Cachia 06.06.1951 Vol. XXXV.iii.615.

[2] Joseph Borg v. Peter Paul Grech Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri Ċivili 25.01.2008.

7. Fil-każ preżenti, l-irċevuti kienu mingħajr dubju l-aħjar prova, u kienu faċilment disponibbli.

8. Barra minn hekk, l-Ewwel Qorti kkunsidrat li dawn il-mediċini setgħu jiġu akkwistati b'xejn mingħand id-Dipartiment tas-Saħħa. Dwar dan, l-appellant ma ġieb l-ebda prova. Din il-Qorti żżid tirrimarka li jekk l-appellant kien jeħodhom b'xejn mingħand id-Dipartiment, allura m'għandu jedd għall-ebda kumpens. Jekk ma kienx jeħodhom, allura wieħed irid jara jekk għamilx minn kollox biex jimminimizza d-danni.

9. Sewwa għamlet l-Ewwel Qorti meta ddeċidiet li ma takkordax danni emerġenti. L-ewwel aggravju għalhekk qiegħed jiġi respint.

10. **It-tieni aggravju tal-attur** hu li l-Ewwel Qorti għamlet komputazzjoni żbaljata tal-*lucrum cessans* meta qabdet bħala paga bażi tal-kalkolu tagħha l-ammont ta' €21,174; salarju tal-appellant fis-sena 2013 meta seħħ l-inċident.

11. Fil-prospett tad-danni ppreżent fis-27 ta' Frar 2017, l-appellant talab kumpens ibbażat fuq €31,915 – medja bejn l-introjtu ta' €29,826 fis-sena 2015 u €34,004.58 fis-sena 2016.

12. Fl-istess prospett, l-appellant irrileva li minkejja li l-qliegħ tiegħu kien ta' €21,174 fis-sena 2013 (sena tal-inċident) fil-fatt dik is-sena huwa tilef €15,590 liema ammont l-Ewwel Qorti skartat bl-argument li kien negozju li ma rnexxiex.

13. L-appellant isostni li b'dan ir-raġunament, l-Ewwel Qorti kkastigatu doppjament: min-naħa l-waħda naqqset dak li nvesta fih bla ma qieset kif it-telf tad-dawl f'għajnejh seta' mpinġa fuq dan, u min-naħa l-oħra warrbet it-talba tiegħu li tikkunsidra bħala bażi tal-qliegħ is-snin 2015/2016; li juri ż-żieda ta' qliegħ; żieda li setgħet ġiet qabel, u setgħet kienet ikbar, li ma seħħx l-inċident.

14. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan ir-raġunament. Tqis, kif sewwa wieġeb l-appellat, li l-i*statements* finanzjarji prodotti mill-appellant mhumiex ta' min joqgħod fuqhom minħabba għadd ta' diskrepanzi. L-attur ma ħax qies tas-sena 2014 meta rreġistra telf. Telf li kellu jkun ferm ikbar billi ma ħax qies ta' ħaddiema li ġew issekondanti minn martu u l-pagi tagħhom ma tniżżlux. L-introjtu tas-snin 2015 u 2016 kien imneffaħ billi ma kienx jinkludi diversi spejjeż.

15. Dan l-aggravju għalhekk ma jiswiex.

16. **It-tielet aggravju tal-attur** hu li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx iċ-*chances and changes in life*; li għalhekk ma kellhiex tuża *multiplier* ta' 20 sena imma almenu sakemm jagħlaq 65 sena; anke biex jikkumpensa għall-fatt li kkalkulat fuq ammont bażi baxx kif jingħad fit-tieni aggravju.

17. Dan l-aggravju bir-rispett kollu ma jagħmilx sens. Il-fattur taċ-*chances and changes in life* jfisser li wieħed jieħu qies tal-possibbilità li fil-futur, xi ħaġa tmur żmerċ. Huwa proprju minħabba l-possibbilità li wieħed ma jgħix sal-età pensjonabbli li dawn il-Qrati jużaw *multiplier* ta' 20 sena għal min għandu 65.

18. Wara kollox, kien l-appellant innifsu li ppropona dan il-*multiplier*.

19. Imbagħad l-argument li l-Qorti stabbiliet ammont bażi baxx huwa, kif diġa` muri, ibbażat fuq premessa żbaljata u għalhekk ma jreġix.

20. Dan l-aggravju mhuwiex sejjer jiġi milqugħ.

21. **Ir-raba' aggravju tal-attur** hu li l-Qorti żbaljat meta kkalkulat ir-rata tal-inflazzjoni fuq il-medja tal-aħħar ħames snin biss.

22. Din il-Qorti tagħraf li l-Ewwel Qorti aġġustat is-salarju tal-attur abbażi tal-għoli tal-ħajja għall-perjodu kollu tal-*multiplier*[3] u mhux fuq ħames snin biss. Hija ċċitat dan il-bran minn sentenza ta' din il-Qorti:

> "[m]eta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-multiplier.[4]"

23. L-Ewwel Qorti użat il-kriterju tal-ħames snin unikament biex tistabbilixxi r-rata annwali tal-inflazzjoni, u dan skont ġurisprudenza stabbilita:

> "Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38% (2013) + 0.31% (2014) + 1.10% (2015) + 0.64% (2016) + 1.37% (2017) ÷ 5= 0.96%}."

24. Anke dan l-aggravu sejjer jiġi miċħud.

25. **L-ewwel aggravju tal-appell inċidentali** hu li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddeċidiet li l-konvenut ma kienx ipprovokat mill-attur.

26. F'dan ir-rigward, l-Ewwel Qorti wara li rriferiet għaċ-ċirkostanzi fattwali kif irriżultawlha, fis-sens li:

> "Il-Qorti semgħet lil diversi xhieda li taw id-depożizzjoni tagħhom fil-kawża, jgħidu kif waħda minn ulied il-konjuġi Barr kienet ikkuntattjat lill-attur u qaltlu jmur id-dar tagħhom sabiex jitkellem ma' missierhom, li kulma ried kien li l- attur jitolbu skuża għall-problemi li kien ikkawżalu

---

[3] Ara l-aħħar parti tal-ewwel paragrafu f'paġna 44 tas-sentenza appellata.
[4] Joseph Galea v. Charles Fenech 19.05.2000.

fiż-żwieġ, u l-attur min- naħa tiegħu kien qabel li jmur. Jirriżulta li waqt li l-attur, il-konvenut, mart il- konvenut u wħud minn uliedha kienu bilqiegħda fuq sufan jitkellmu, mart il- konvenut iddikjarat li kienet saret tħobb lill-attur u xtaqet li tmur tgħix miegħu. L-attur min-naħa tiegħu m'għamel l-ebda dikjarazzjoni simili, għalkemm qal li ried jara kif kien ser jissettilja l-affarijiet tan-negozju li kellu mal-mara tiegħu. Kien f'dak il-ħin li l-attur talab xi ħaġa x'jixrob, u l-konvenut mar fil-kċina u rritorna lura b'tazza f'idu li kien jidher li kien fiha likwidu ċar, u fil-pront tefa' l-likwidu f'wiċċ l-attur. Il-Qorti semgħet kif eżattament wara inqalgħet kommozzjoni sħiħa fid-dar tal-konvenut, bl-attur jiġri 'l barra u mart il-konvenut tiġri warajh."

27. Ikkunsidrat hekk:

"Il-Qorti qieset kif l-avvenimenti li wasslu għad-danni sofferti mill-attur, seħħew kollha f'ġurnata waħda li matulha l-konvenut għadda minn sitwazzjoni fejn kien qiegħed jikkontempla vakanza ma' martu bit-tama li dawn jirranġaw is-sitwazzjoni ta' bejniethom, skont kif xehed il-konvenut stess, għal sitwazzjoni fejn dan skopra li martu kellha relazzjoni intima mal- attur, iffaċċjah bil-provi, ipprova jaggredih l-ewwel b'ġakk li kellu fil-vettura tiegħu u wara pprova jħebb għalih b'sikkina, u aktar tard dakinhar stess, wara li l-konvenut deher li kkalma u ried li l-attur imur id-dar tiegħu, aggredih billi tefagħlu l-aċtu f'wiċċu. Mart il-konvenut u l-attur it-tnejn xehdu li wara li l- konvenut xeħet l-aċtu, dan ipprova jġib martell u jħebb għall-attur bih, għalkemm il-konvenut qal li dan ma kienx minnu. Jirriżulta wkoll li ftit sigħat wara li seħħ dan kollu, il-konvenut kien fi triqtu lejn l-Iskozja biex imur fejn ommu, minn fejn ma rritorna lura Malta qatt ħlief sabiex ikun jista' jsegwi dawn il-proċeduri.

Il-konvenut eċċepixxa li r-reazzjoni tiegħu kienet konsegwenza ta' saħna ta' demm u rabja intensa li hu ħass meta rrealizza li martu kienet involuta f'relazzjoni intima mal-attur u saħansitra ammettiet quddiem uliedha li kienet saret tħobbu. Din l-iskużanti tal-istat mentali li kien fih il-konvenut meta għamel dak li għamel, tqajmet minnu bl-iskop li l-Qorti takkorda parti mir- responsabbilità għall-akkadut lill-attur. Il-konvenut jikkontendi li bl-aġir tiegħu l-attur ikkontribwixxa għad-danni sofferti minnu. Il-Qorti iżda mhijiex tal-istess fehma. Mill-provi jirriżulta li l-imsemmija avvenimenti seħħew fuq medda ta' ġurnata, bejn wieħed u ieħor bejn l-għaxra ta' filgħodu u l-erbgħa ta' wara nofsinhar tal-14 ta' Mejju 2013, u l-konvenut kellu biżżejjed ħin biex jikkalma, kif fil-fatt deher li għamel meta qagħad isegwi logħba futbol flimkien ma' wliedu. Imma wara li filgħodu pprova jħebb għall-attur b'ġakk, u wara reġa' mar għalih b'sikkina, kif ġieh iċ-ċans li jkun fil-viċinanzi tal-attur, ħebb għalih billi xeħitlu l-aċtu li soltu jintuża fit-tindif tal-pixxini. Mill-provi irriżulta wkoll li l-konvenut kien jaf x'inhu jagħmel, tant hu hekk li lil uliedu qalilhom x'kienet is-sustanza li kien tefa' f'wiċċ l-attur, u qalilhom ukoll li dan ma kienx ser jitlef id-dawl ta' għajnejh b'mod permanenti, għaliex il-likwidu li tefagħlu jintuża għat-

> tindif tal-pixxini. Huwa ċar ukoll li dak li għamel il-konvenut ma għamlux f'saħna ta' demm, imma kien maħsub u ppjanat b'mod tali li jonsob lill-attur billi jħajru jmur d-dar tiegħu, u f'xi ħin jaggredih billi jixħitlu l-aċtu jew juża xi tip ta' għodda biex jaggredih biha. Jirriżulta wkoll li minkejja li l-konvenut eċċepixxa li ħassu pprovokat meta l-attur iddikjara quddiem kulħadd li kien sar iħobb lill-mara tal-konvenut, din id-dikjarazzjoni ma kinetx saret mill-attur, u l-unika ħaġa li dan qal kienet li huwa kellu l-mara u ried jara l-affarijiet tiegħu l-ewwel."

28. Il-konvenut appellant ma jaqbilx ma' dawn il-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti. Isostni li hija injorat il-fatt li l-attur waqt li kien f'daru qallu li kien iħobb lil martu, u għemiżha.

29. Il-konvenut qiegħed jistieden lil din il-Qorti tagħmel evaluwazzjoni mill-ġdid tal-provi.

30. Huwa minnu li din il-Qorti għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti.[5] B'danakollu hu paċifikament stabbilit mill-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li ma tiddisturbax kif ġieb u laħaq l-eżerċizzju ta' diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti. Dan jgħodd b'mod partikolari fejn *si tratta* ta' valutazzjoni tal-provi. Għalkemm din il-Qorti għandha tara u tifli dik il-valutazzjoni, m'għandhiex taqbad u twarrabha jekk ma jkunx hemm raġunijiet tabilħaqq serji biex tagħmel dan. Jekk jirriżulta li l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-Ewwel Qorti jkun wieħed sostnut mill-provi li jinstabu fl-atti, u li l-konklużjonijiet tas-sentenza appellata jkunu s-sinteżi tar-raġunament mibni fuq dawk il-provi u t-tħaddim xieraq

[5] Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Joseph Muscat – Prim Ministru 14.12.2018 Appell Ċivili.

tal-liġi dwarhom, din il-Qorti ma twaqqax dik id-diskrezzjoni.[6] Id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti tiġi disturbata biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali; jekk jintwera li dak l-apprezzament kien wieħed irraġonevoli, jew jinstab kontradett mill-fatti riżultanti mill-proċess.[7]

31. Din il-Qorti lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibilitajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikun plawsibbli.[8] Din il-Qorti m'għandhiex tindaħal sakemm ma tkunx sodisfatta li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti taqa' barra mil-limiti li fihom huwa possibbli nuqqas ta' qbil raġonevoli.

32. Fejn tidħol kredibbilità ta' xhieda li l-Ewwel Qorti tkun semgħet *viva voce,* din il-Qorti tkun inqas disposta biex tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel Qorti, għaliex l-Ewwel Qorti kellha l-vantaġġ li tosserva l-komportament tal-partijiet u x-xhieda tagħhom meta ddeponew quddiemha, għexet l-*iter* tal-proċess fil-vari fażijiet tiegħu. Fi kliem Imħallef Ingliż:

> "Witnesses without any conscious bias towards a conclusion may have in their demeanour, in their manner, in their hesitation, in the nuance of their expressions, in even the turns of the eyelid, left an impression upon the man who saw and heard them which can never be reproduced on the printed page.[9]"

[6] George Spiteri & Sons Limited v Gordon Agius 01.12.2021 Qorti tal-Appell.
[7] Josephine Agius v Piju Theuma 26.01.2018 Qorti tal-Appell.
[8] Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Joseph Muscat – Prim Ministru 14.12.2018 Appell Ċivili.
[9] Lord Shaw fi Clarke v. Edinburgh & District Tramways Co (1919) SC 35, 36, HL.

33. Din il-Qorti eżaminat mill-ġdid ix-xhieda kollha dwar l-inċident fid-dar tal-konvenut, li qiegħdha tirriproduċi hawnhekk:

34. Affidavit tal-**attur**:

> "He told me that he had spoken to his wife and that she wanted to move out. He told me that these things happen and that it was ok. I was still feeling nervous as I wasn't sure whether I could trust Mr. Barr, so I asked his daughter, Stephanie, for some water. Mr. Barr offered me beer but I refused and he went into the kitchen and came back with a glass full of clear liquid. He came close to me and threw the contents of the glas in the direction of my face.[10]"

35. L-attur in kontroeżami:

> "If I'm not mistaken, I said: "Let's talk it out. I'm sorry for what happened". I was a bit nervous."

36. Kompla jgħid li talab għal tazza ilma. Sa dak il-punt la kien irrabja u lanqas tkellem.

37. Affidavit ta' **Anabelle Barr**, prodotta mill-attur:

> "Stephanie bdiet tipprova tikkonvinċini li jekk Dax jitlob skuża, Thomas kien jinsa kollox u l-kwistjoni tirriżolva ruħha…
>
> Thomas staqsiena jekk kellniex relazzjoni bejnietna u x'kienu l-intenzjonijiet tagħna fil-konfront ta' xulxinu ftit wara, Dax talab għal tazza ilma… Thomas mar fil-kċina u rritorna b'tazza… mar eżatt quddiem Dax lu tefagħhielu f'wiċċu.[11]"

38. In kontroeżami qalet:

[10] Fol. 49.
[11] Fol. 54.

> "As soon as Mr. Fernandez came in, my husband was telling him now this house will be yours. Now her business… will be yours. That was the nature of the talk."

39. Qalet ukoll li l-konvenut "never asked for an apology" minkejja li dak kellu jkun l-iskop tal-laqgħa. Il-konvenut talabha tikkonferma dak li kienet qalet filgħodu li kienet tħobb lil Fernandez u kkonfermat. F'dan il-punt Fernandez talab għal tazza ilma. Ma kelliex *eye contact* għaliex kienet "too nervous". Fernandez ma ta l-ebda indikazzjoni li ried li r-relazzjoni tkompli; qal biss li ried jissetilja ma' martu u man-negozju.[12]

40. Affidavit ta' **Sarah Barr**, prodotta mill-attur:

> "My father asked my mother what was going to happen and what she wanted to do and my mother replied that she loved Dax and that she wanted to be with him. My father then asked Dax what he wanted from Anabelle and Dax replied that he didn't know and that he needed to see with his wife and his business. Dax declared that he was thirsty… My father went to the kitchen and came back with a glass full of what looked like water… he threw it in his face.[13]"

41. Kontroeżami mill-konvenut ta' **Stephanie Barr:**

> "What I remember is, because I felt shocked, was that my mother turned round to Mr. Ferandez and told him that she loved him and that she wanted to be with him and I just looked at my dad's face and I could see tears in his eyes and I was shocked to hear that and my mother was smiling, smirking at Mr. Fernandez and then Mr. Fernandez asked to drink from my dad's beer."

42. Xehdet ukoll li r-reazzjoni tal-attur kienet li ħares lejn mart il-konvenut u qal li "he has to see with his wife".

[12] Fol. 439 et seq.
[13] Fol. 57.

43. X'ħin il-konvenut irritorna bit-tazza, "my mom was sitting looking at Dax and smiling".[14]

44. Il-**konvenut** xehed *viva voce.*

> "I said "do you realize what you have done to my marriage and how you effected your own marriage? What's going to happen now?" and there was no sorrow, nothing just that "its not her fault…" He said "I got feelings for her." I said ok, Annabelle have you got anything to say to him" and she turned round and said to him "Dax it could be me and hyou together again… I love you". I said "ok she told you that now. What are you going to tell her? And he said "I have to arrange things with my wife first, we have the business, the shopping" and I think my wife realized what he was saying because she was sitting there with a stupid smile on her face and I said "what is going on?" I could feel myself getting angry and I said "are you going to leave together" and there was no answer to that. He said "can I have a drink…?"
>
> He was arrogant and in command of the situation, he had not remorse, no sorrow, he was in charge like a saleseman.
>
> She was standing there still with a smile on her face.
>
> Angry, I could feel my stomach going and I went for a glass of water…."

45. Il-konvenut qal ukoll li eżatt qabel tefagħlu t-tazza:

> "he winked at her and she smiled. I could not take it anymore.[15]"

46. Din il-Qorti tqis li minn dawk kollha preżenti meta seħħ l-inċident, ħadd ħlief il-konvenut innifsu ma qal li l-attur iddikjara li jħobb lil mart il-konvenut; u lanqas li għemeż lil mart il-konvenut. Ma hemm xejn

[14] Fol. 331.
[15] Fol. 256.

irraġonevoli li l-Qorti, wara li semgħet id-diversi verżjonijiet tax-xhieda okulari, m'emmnitx dawn l-asserzjonijiet tal-konvenut. Li jfisser li ġustament ma rriżultalhiex li l-attur ipprovoka lill-konvenut.

47. L-aggravji tal-appell inċidentali huma redatti b'ċerta attenzjoni u dettall. B'danakollu, ma jegħlbux il-korrettezza tal-motivazzjoni tal-ewwel Qorti, u bl-ebda mod ma jinduċu li din il-Qorti biex tasal għal konklużjoni diversa favorevoli għall-konvenut. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward huma, fil-fehma ta' din il-Qorti, plawsibbli u jagħmlu evaluwazzjoni korretta tal-provi prodotti f'din il-kawża.

48. **It-tielet aggravju tal-appell inċidentali** hu li l-persentaġġ ta' diżabilità tal-appellant għandu jkun ta' 16% kif stabbilit b'mod xjentifiku mill-espert maħtur mill-Ewwel Qorti, u mhux 25% abbażi ta' dak li ddeċidiet din il-Qorti f'għadd ta' sentenzi[16] u dan għaliex huwa opportun li f'kawżi simili jintużaw kriterji kemm jista' jkun uniformi.

49. Filwaqt li fl-ordinament ġuridiku Malti ma tapplikax id-dottrina tal-*istare decisis*, min-naħa l-oħra din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li bħala regola ġenerali għandha tħares il-prevedibilità u l-konsistenza fid-deċiżjonijiet fl-interess taċ-ċertezza tad-dritt; komponiment importanti tas-

[16] L-Ewwel Qorti ċċitat bħala eżempju sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Raymond Sammut v. Anthony Micallef 24.04.2015.

saltna tad-dritt; anke sabiex is-suġġetti tad-dritt ikunu jistgħu jipprevedu l-konsegwenzi ta' għemilhom u jonqos il-volum ta' litigazzjoni.

Decide

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiċħad l-appell prinċipali u l-appell inċidentali u tikkonferma s-sentenza appellata.  L-ispejjeż tal-Prim'Istanza jibqgħu kif deċiżi mill-Ewwel Qorti; l-ispejjeż tal-appell ibatihom l-attur appellant filwaqt li l-ispejjeż tal-appell inċidentali ibatihom il-konvenut appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da